MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Numru 543/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Micallef)**

**vs**

**Paul Magro ta' 36 sena, bin Paul u Emanuela nee' Scerri, mwieled l-Pieta' nhar is-7 ta' Ottubru 1973, residenti 50A, Triq Zarenu Dalli, Birzebbugia detentur ta'l-karta ta'l-identita' numru 492273(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Magro akkuzat talli nhar il-4 ta' Gunju 2009 ghal habta ta' saghtejn ta' wara nofs in-nhar (14:00hrs) minn gewwa l-Isptar Mater Dei, Msida,

1. Ikkometta serq ta’ flus li sar ghad-detriment ta’ Robert Joseph Buttiegieg u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz

2. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Robert Joseph Buttigieg u/jew persuni ohra, liema hsara ma jiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1164.69) pero’ izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

3. aktar talli sar recidiv ai termini ta’l-artikoli 28F, 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta kkometta reat waqt il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe’ mill-Magistrat Dr. D. Clarke LL.D, diversament preseduta u datata 29 ta’ Gunju 2008;

4. u aktar talli kkometta reat wara kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe’ mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D. diversament preseduta u datata 7 ta’ Novembru 2008.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Rat l-kunsens ta’l-Avukat Generali tal-05 ta’ Gunju 2009 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar piena.;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmula mill-imputat u fid-dawl tal-provi mismugha, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-

imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Illi madanakollu ghar-rigward tar-raba akkuza l-Prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi kopja tas-sentenza indikata minnha fl-istess akkuza u kwindi il-Qorti minhabba f'dana in-nuqqas processwali ma tistax tghaddi sabiex taghmel dak miltub minnha f'dina l-akkuza u cioe' li titratta mal-hati ghar-reati li dwarhom gie misjub hati fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-7 ta' Novembru 2008.

Illi il-Qorti tosserva ukoll illi fir-rigward tat-tielet akkuza, l-imputat jinsab akkuzat bir-recidiva, izda ma hemm l-ebda talba sabiex is-sentenza ta' prigunerija sospiza, indikata fl-akkuza u esebita bhala Dokument CSH2 a fol.10 tal-process, tigi reza operattiva.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali ta'l-imputat, kif lanqas ma tista' tinjora l-fatt illi l-imputat inghata mhux opportunita wahda izda hafna sabiex jipprova jeghleb il-problemi tieghu. Fil-fatt anke jekk wiehed jezamina l-iter processwali ta' dina l-kawza, jista' josserva facilment illi anke dina l-Qorti ippruvat tghin lill-imputat, izda huwa xorta wahda jidher illi ma iridx jikkopera. Sahanistra anke inghata l-opportunita li jibda jsegwi program residenzjali ghar-riabilitazzjoni mill-vizzju tieghu tad-droga, izda hawnhekk l-imgieba ta'l-imputat tant kienet wahda negattiva li spicca gie sospiz b'mod indefinit. Mhux biss fil-ftit xhur li ghamel isegwi il-programm ma ipprovax jibbenifika minn dina l-opportunita, izda sahansitra kien ukoll ta' detriment ghal shabu l-ohra li kienu qed isegwu il-programm mieghu. Illi l-imputat lanqas qieghed jaghmel l-almu tieghu biex jipprova jahdem u dana sabiex ma jirrikorrix ghas-serq, izda sahanistra qieghed jipprova jghaddi "boarded out" minhabba ragunijiet ta' sahha li lanqas jindika lill-Qorti x'inhuma. Il-Qorti issa wasslet fi stadju fejn mhijiex qed temmen illi l-imputat verament jrid jirriforma ruhu, izda qieghed jipprova jiggranfa ma kull skuza li jista' isib sabiex ma jispiccax il-habs! Il-Qorti ghal dawn motivi, ghalkemm fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputat ser tghaddi sabiex tinfliggi l-minimu tal-piena prevista ghar-reati addebitati lill-istess imputat, madanakollu l-piena karcerarja ser tkun wahda

effettiva bit-tama illi fil-perijodu taz-zmien illi l-imputat jinzamm inkarcerat huwa jsegwi program ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tieghu tad-droga.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b), 263(a), 278(1), 325(b), 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mir-raba akkuza migjuba fil-konfont tieghu, issibu hati tal-kumplament ta’l-akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta’ tmien xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------